**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS LL.D**

**Kawża Numru: 424/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Saviour Cachia**
**(ID 271481(M))**

**Illum, 3 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Saviour Cachia**, ta' 30 sena, iben Anthony u Vincenza nee` Schembri, imwieled Pieta` nhar it-31 ta' Mejju 1981, temporanjament joqgħod fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin jew Silver Birch, Flat 1, Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 271481(M);

Akkużat talli fl-14 ta' Awwissu 2010 għall-ħabta tas-12.45pm u ħinijiet qabel, waqt li kien fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-Gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga

msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2010, ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi l-Prosekuzzjoni ntavolat iċ-ċitazzjoni odjerna fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Novembru 2010;

Rat in oltre illi l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta għat-28 ta' Frar 2012;

Rat ukoll illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Rat illi wara li nżammu diversi seduti għas-smiegħ tal-kawża, u stante li fil-maġġor parti għal dawn is-seduti l-imputat ma ġiex notifikat, il-kawża bdiet tinstema' fis-seduta tal-20 ta' Frar 2015;

---

[1] Ara a fol. 13 tal-proċess.

Rat illi f'din is-seduta l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat illi l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu, inkluż il-piena applikabbli għar-reat odjern, u wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkunsidra l-istess ammissjoni u anke jirtiraha;

Rat ukoll illi l-partijiet irrimettew ruħhom għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Settembru 2021, liema fedina penali hija waħda refrattarja u tinkludi *inter alia* kundanni dwar reati kontravenzjonali, serq sempliċi u aggravat f'diversi okkażjonijiet, inkluż ħsara volontarja u involontarja, tentattiv ta' serq aggravat, reati taħt il-Kap. 65 u 104 tal-Liġijiet ta' Malta, pussess tad-droga eroina f'iżjed minn okkażjoni waħda, inkluż ukoll ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, kif ukoll traffikar tad-droga eroina, falsifikazzjoni ta' dokumenti u ksur ta' liberazzjoni kundizzjonata, dwar liema l-imputat ingħata fost oħrajn, liberazzjoni kundizzjonata f'erba' okkażjonijiet, tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* erba' darbiet u ġie kkundannat għall-piena ta' priġunerija effettiva diversi drabi, apparti li ġie kkundannat ukoll għal sentenza ta' priġunerija sospiża. Jirriżulta għalhekk illi minkejja li ngħata diversi opportunitajiet mill-qrati u anke skonta diversi pieni karċerarji, l-imputat baqa' jxellef diffrejh mal-ġustizzja.

Tqis ukoll f'dan il-kuntest illi b'ammissjoni tiegħu stess, l-imputat huwa reċidiv fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti qed tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u n-natura tar-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni li tiegħu l-imputat ser jinstab ħati, kif ukoll illi dan ġie mwettaq minnu waqt li kien jinsab inkarċerat fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u li għalhekk huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.

Tqis in oltre illi dan il-każ jirrisali għal Awwissu 2010 u li s-smiegħ tal-kawża beda fi Frar tas-sena 2015, stante illi l-imputat ma kienx qed jiġi notifikat mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll għalhekk illi minkejja li kien hemm ukoll drabi fejn l-imputat ma deherx għas-smiegħ tal-kawża għalkemm ġie debitament notifikat, il-maġġor parti tad-dewmien f'dawn il-proċeduri ma kienx imputabbli lill-istess imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-Artikoli 33A, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Saviour Cachia** ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 36 Sergio Azzopardi bħala *Scene of Crime Photographer* fis-somma ta' tlieta u għoxrin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€23.28), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.[2]

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[2] Il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud u dan stante illi l-vera kopja tar-relazzjoni esebita minnu fil-proċeduri odjerni hija relatata ma' każ ieħor u mhux mal-każ odjern, kif evidenti mill-fatt illi skont l-istess relazzjoni, huwa ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella fit-12 ta' Ottubru 2010, fil-waqt illi in konnessjoni mal-każ odjern, huwa ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Claire Stafrace Zammit nhar l-14 ta' Awwissu 2010, oltre illi jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi huwa analizza trab ta' lewn kannella li kien jinsab f'żewġ boroż żgħar tal-plastik, li mill-atti ma jirriżultax li huma konnessi ma' dan il-każ.